C/2025/6795

30.12.2025

Pubblikazzjoni tal-komunikazzjoni ta' emenda standard approvata ta' speċifikazzjoni tal-prodott ta' indikazzjoni ġeografika f'konformità mal-Artikolu 5(4) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/27 [1]

(C/2025/6795)

KOMUNIKAZZJONI TAL-APPROVAZZJONI TA' EMENDA STANDARD

(Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2024/1143)

"Uva da tavola di Canicattì"

Numru ta' referenza tal-UE: PGI-IT-1537-AM01 — 2.10.2025

1. **Isem il-prodott**

"Uva da tavola di Canicattì"

2. **Tip ta' indikazzjoni ġeografika**

☐ DOP

☑ IĠP

☐ IĠ

3. **Settur**

☑ Prodotti agrikoli

☐ Inbejjed

☐ Xarbiet spiritużi

4. **Pajjiż li għalih tappartjeni ż-żona ġeografika**

L-Italja

5. **Awtorità tal-Istat Membru li tikkomunika l-emenda standard**

Isem

Il-Ministeru għall-Agrikoltura, għas-Sovranità tal-Ikel u għall-Forestrija – Promozzjoni tal-Kwalità Agroalimentari (PQA, Promozione della Qualità Agroalimentare) 1

6. **Kwalifika bħala emenda standard**

L-emendi huma emendi standard skont it-tifsira tal-Artikolu 24(4) tar-Regolament (UE) 2024/1143 peress li ma jinkludux bidla fl-isem, ma jirriskjawx li jxejnu r-rabta u ma jinvolvux aktar restrizzjonijiet fuq il-kummerċjalizzazzjoni tal-prodott.

7. **Deskrizzjoni tal-emenda/i standard approvata/i**

Titolu

L-Artikolu 1 tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott: Inserzjoni tat-titolu u tal-isem reġistrat korrett

[1] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/27 tat-30 ta' Ottubru 2024 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2024/1143 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill b'regoli dwar ir-reġistrazzjoni u l-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi, speċjalitajiet tradizzjonali garantiti u termini tal-kwalità mhux obbligatorji u li jħassar ir-Regolament Delegat (UE) Nru 664/2014 (ĠU L, 2025/27, 15.1.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2025/27/oj).

Deskrizzjoni

It-titolu tal-artikolu "Isem" żdied għall-konsistenza mat-tqassim il-ġdid tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott. L-isem ingħata wkoll sħiħ, jiġifieri "Uva da tavola di Canicattì", kif approvat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2325/97 tal-24 ta' Novembru 1997, (ĠU L 322, 25. 11.1997, p. 33).

☐ L-emenda taffettwa d-dokument uniku.

Titolu

Artikolu 2: Inserzjoni tat-titolu u reviżjoni tat-test

Deskrizzjoni

Żdied it-titolu "Deskrizzjoni tal-prodott" mal-Artikolu 2 tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott.

Barra minn hekk, żdied it-test li ġej mal-Artikolu 2, billi tmexxa bis-sħiħ minn dak li kien l-Artikolu 6 tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott:

Meta jiġi rrilaxxat għall-konsum, l-għeneb tal-indikazzjoni ġeografika protetta "Uva da tavola di Canicatti" jrid ikollu l-karatteristiċi li ġejjin:

Għenieqed: medji kbar, f'forma ta' kon/piramida, mhux imwaħħlin ma' xulxin kif xieraq, bi żvilupp regolari tal-għeneb (bla millerandage), uniformi f'termini ta' daqs, ta' forma u ta' kulur u b'zokk ewlieni żviluppat b'mod armonjuż u pedunklu linjifikat;

Bakek: medji kbar u f'forma sferojdali/elissojdali; polpa tqarmeċ u mlaħħma, ħelwin b'aroma delikata tal-misk u togħma pjaċevoli;

Kulur tal-qoxra: minn isfar ċar sa isfar dehbi lewn it-tiben; jista' jkun hemm xi tikek żgħar kannella.

Kontenut ta' zokkor: mill-inqas 17-il grad Brix.

Żdied element ieħor li jiddeskrivi l-kulur tal-qoxra mat-test, jiġifieri "hija permessa l-preżenza ta' xi tikek żgħar kannella", u l-unità li biha jiġi espress il-kontenut taz-zokkor inbidlet minn gradi Babo għal gradi Brix.

☑ L-emenda taffettwa d-dokument uniku.

Titolu

L-Artikolu 3 tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott: Inserzjoni tat-titolu

Deskrizzjoni

It-titolu "Żona ta' oriġini" żdied mal-Artikolu 3.

☐ L-emenda taffettwa d-dokument uniku.

Titolu

L-Artikolu 4 tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott: Inserzjoni tat-titolu u emenda totali tat-test

Deskrizzjoni

Żdied it-titolu "Prova tal-oriġini" mal-Artikolu 4 tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott.

It-test tal-artikolu, li ntuża għall-abbozzar tal-Artikolu 5 il-ġdid, ġie sostitwit kompletament b'dan li ġej:

Kull stadju fil-proċess tal-produzzjoni jiġi mmonitorjat billi jiġu rreġistrati l-inputs u l-outputs kollha. Dan jiżgura t-traċċabilità tal-prodott, bħalma jagħmel il-fatt li l-korp ta' kontroll iżomm listi tal-irqajja' tar-reġistri tal-artijiet fejn issir il-produzzjoni, u tal-produtturi u tal-imballaturi, u jiġi nnotifikat dwar il-kwantitajiet prodotti. Il-persuni fiżiċi u ġuridiċi kollha mdaħħlin fil-listi rilevanti huma soġġetti għal verifiki mill-korp ta' kontroll, f'konformità mal-ispeċifikazzjoni tal-prodott u mal-pjan ta' kontroll assoċjat.

☐ L-emenda taffettwa d-dokument uniku.

Titolu

L-Artikolu 5 tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott: Inserzjoni tat-titolu u emenda totali tat-test

Deskrizzjoni

Żdied it-titolu "Metodu ta' produzzjoni" mal-Artikolu 5 tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott.

It-test ġie emendat kompletament. It-test preċedenti tneħħa peress li ma għadux konformi mad-dritt tal-Unjoni, u ġie sostitwit bit-test ta' dak li kien l-Artikolu 4, emendat kif ġej:

— il-metodi ta' tħarriġ permessi ġew aġġornati;

— ġie speċifikat in-numru massimu ta' pjanti għal kull ettaru;

— it-test issa jispeċifika l-materjali li huma adattati biex ikopru d-dwieli sabiex il-ħsad isir qabel jew jiġi ttardjat, skont iż-żona klimatika;

— tneħħew id-dispożizzjonijiet dwar il-perjodu ta' ħsad u l-perjodu ta' kummerċjalizzazzjoni, peress li dawn issa jiddependu mill-kisba tal-kwalità u tal-karatteristiċi organolettiċi stabbiliti fl-Artikolu 2 tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott;

— b'referenza għaż-żbir, il-kliem *in verde* (li jirreferi għaż-żbir tat-taħfif) ġie sostitwit bil-kelma *secca* (li tirreferi għaż-żbir fix-xitwa) sabiex jiġi kkoreġut żball fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott il-qadima;

— ġew speċifikati l-metodi ta' tisqija;

— żdiedet referenza għall-konformità mar-regoli tal-biedja organika;

— ir-rendiment massimu permess żdied għal 30 tunnellata għal kull ettaru.

Dan l-artikolu ġie abbozzat bl-użu tat-test sħiħ ta' dak li kien l-Artikolu 4 ħlief għall-aħħar seba' linji, li ma għadhomx konformi mad-dritt tal-Unjoni.

☐ L-emenda taffettwa d-dokument uniku.

Titolu

L-Artikolu 6 tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott: Inserzjoni tat-titolu u emenda totali tat-test

Deskrizzjoni

Żdied it-titolu "Rabta mal-ambjent" mal-Artikolu 6 tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott.

It-test sħiħ ta' dak li kien l-Artikolu 6 ntuża biex jissupplimenta l-Artikolu 2 bil-karatteristiċi tal-prodott.

It-test il-ġdid ġie abbozzat bl-użu tat-test sħiħ taħt l-intestaturi "Storja u oriġini tal-prodott" u "Rabta mal-ambjent ġeografiku" fl-iskeda tas-sommarju.

☑ L-emenda taffettwa d-dokument uniku.

Titolu

L-Artikolu 7 tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott: Inserzjoni tat-titolu u emenda totali tat-test

Deskrizzjoni

Żdied it-titolu "Kontrolli" mal-Artikolu 7 tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott.

It-test ta' dak li kien l-Artikolu 7 ntuża biex jiġi abbozzat l-Artikolu 8.

It-test il-ġdid tal-Artikolu 7 jirreferi għad-dispożizzjonijiet leġiżlattivi li jirregolaw il-kontrolli dwar jekk il-prodott jikkonformax mal-ispeċifikazzjoni tal-prodott.

☐ L-emenda taffettwa d-dokument uniku.

Titolu

Inserzjoni tal-Artikolu 8 tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott dwar it-tikkettar u l-imballaġġ

Deskrizzjoni

L-Artikolu 8 "Tikkettar u imballaġġ" iddaħħal fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott u huwa verżjoni riveduta ta' dak li kien l-Artikolu 7.

Ir-reviżjonijiet tat-test preċedenti kienu jinvolvu:

— it-tneħħija tal-ispeċifikazzjonijiet li jikkonċernaw il-volum tal-pakkett;

— l-ispeċifikazzjoni tas-siġill li għandu jintuża fuq il-pakketti, inkluż id-disinn grafiku tiegħu;

— l-ispeċifikazzjoni tal-kliem li jista' jidher fuq it-tikketti;

— l-ispeċifikazzjonijiet dwar l-applikazzjoni ta' stikers fuq il-prodott meta jinbiegħ sfuż;

— l-introduzzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tad-disinn grafiku għal-logo tal-prodott;

— it-tneħħija ta' dispożizzjonijiet li ma għadhomx konformi mad-dritt tal-Unjoni.

☑ L-emenda taffettwa d-dokument uniku.

DOKUMENT UNIKU

Denominazzjonijiet ta' oriġini u indikazzjonijiet ġeografiċi ta' prodotti agrikoli

"Uva da tavola di Canicattì"

Numru ta' referenza tal-UE: PGI-IT-1537-AM01 — 2.10.2025

1. **Isem/Ismijiet**

"Uva da tavola di Canicattì"

2. **Tip ta' indikazzjoni ġeografika**

☐ DOP

☑ IĠP

☐ IĠ

3. **Pajjiż li għalih tappartjeni ż-żona ġeografika definita**

L-Italja

4. **Deskrizzjoni tal-prodott agrikolu**

4.1. *Klassifikazzjoni tal-prodott agrikolu f'konformità mal-intestatura u l-kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda, kif imsemmi fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) 2024/1143*

0806 10 10 - għeneb tal-mejda

4.2. *Deskrizzjoni tal-prodott agrikolu li għalih japplika l-isem reġistrat*

L-isem "Uva da tavola di Canicattì" jirreferi għal għenieqed ta' għeneb tal-mejda tal-kultivar Italia, magħruf ukoll bħala Pirovano 65, riżultat ta' inkroċjar bejn il-Bicane u l-Moscato d'Amburgo, li adatta għall-karatteristiċi speċifiċi tal-ħamrija u tal-klima taż-żona ġeografika ta' Canicattì u tal-inħawi tagħha.

Meta jiġi rrilaxxat għall-konsum, l-għeneb tal-indikazzjoni ġeografika protetta "Uva da tavola di Canicatti" jrid ikollu l-karatteristiċi li ġejjin:

Għenieqed: medji kbar, f'forma ta' kon/piramida, mhux imwaħħlin ma' xulxin kif xieraq, bi żvilupp regolari tal-għeneb (bla millerandage), uniformi f'termini ta' daqs, ta' forma u ta' kulur u b'zokk ewlieni żviluppat b'mod armonjuż u pedunklu linjifikat;

Bakek: medji kbar u f'forma sferojdali/elissojdali; polpa tqarmeċ u mlaħħma, ħelwin b'aroma delikata tal-misk u togħma pjaċevoli;

Kulur tal-qoxra: minn isfar ċar sa isfar dehbi lewn it-tiben; **jista' jkun hemm xi tikek żgħar kannella.**

Kontenut ta' zokkor: mill-inqas **17-il grad Brix**.

4.3. *Derogi dwar l-akkwist ta' għalf (għal prodotti li joriġinaw mill-annimali ddeżinjati b'Denominazzjoni ta' Oriġini Protetta biss) u restrizzjonijiet fuq l-akkwist ta' materja prima (għal prodotti proċessati deżinjati minn Indikazzjoni Ġeografika Protetta biss)*

-

4.4. *Passi speċifiċi fil-produzzjoni li jridu jsiru fiż-żona ġeografika definita*

Il-passi kollha fil-produzzjoni tal-"Uva da tavola di Canicattì" jridu jsiru fiż-żona ġeografika definita.

4.5. *Regoli speċifiċi dwar l-imballaġġ, it-tfettit, it-taħkik, eċċ. tal-prodott agrikolu li għalih jirreferi l-isem reġistrat*

Meta jiġi rrilaxxat għall-konsum, l-"Uva da tavola di Canicattì" jrid jinbiegħ bl-użu ta' imballaġġ u ta' materjali permessi mil-leġiżlazzjoni fis-seħħ.

Il-kontenituri jridu dejjem jingħalqu b'siġill li juri s-simbolu deskritt hawn taħt, b'tali mod li jiġi żgurat li l-kontenut ma jkunx jista' jinħareġ mingħajr ma jinkiser il-kontenitur.

4.6. *Regoli speċifiċi dwar it-tikkettar tal-prodott agrikolu li għalih jirreferi l-isem reġistrat*

Il-kontenituri jrid ikollhom il-kliem "Uva da tavola di Canicattì", segwit minnufih bil-kliem "Indicazione Geografica Protetta" [Indikazzjoni Ġeografika Protetta], stampat bl-istess daqs. Fl-istess kamp viżiv, iridu jidhru l-isem, l-isem kummerċjali u l-indirizz tal-imballatur. Il-piż gross fl-oriġini jista' jiġi indikat.

Il-kliem "Indicazione Geografica Protetta" jista' jiġi ripetut f'partijiet oħra tal-kontenitur jew tat-tikketta, inkluż l-akronimu "I.G.P." [IĠP].

L-użu ta' ismijiet, ta' ismijiet kummerċjali u ta' marki privati huwa permess fi kwalunkwe każ, dment li dawn ma jkunux jikkostitwixxu tifħir tal-prodott u ma jkunux tali li jqarrqu bix-xerrej; l-ismijiet tal-azjendi jew tal-vinji li minnhom fil-fatt ikun ġej l-għeneb jistgħu jingħataw ukoll.

Iridu jiġu applikati stikers li juru s-simbolu fuq iz-zokk ewlieni ta' mill-inqas 50 % tal-għenieqed li jkun hemm f'pakketti tal-prodott maħsuba biex jinbiegħu sfużi.

Il-kliem "prodott fl-Italja" jrid jidher ukoll fuq il-lottijiet maħsuba biex jiġu esportati.

Il-logo tal-prodott jinkludi l-kliem "UVA da TAVOLA di CANICATTÌ".



Simbolu li għandu jintuża bħala siġill fuq il-pakketti u bħala stiker fuq iz-zokk ewlieni tal-għenieqed li jkun hemm fil-pakketti tal-prodott maħsuba biex jinbiegħu sfużi:



4.7. *Definizzjoni qasira taż-żona ġeografika*

Iż-żona tal-produzzjoni tinkludi l-muniċipalitajiet kollha fil-provinċji ta' Agrigento u ta' Caltanissetta fejn jitkabbar l-għeneb Italia, jiġifieri dawn li ġejjin:

Il-provinċja ta' Agrigento: Canicattì, Castrofilippo, Racalmuto, Grotte, Naro, Camastra, C. Bello di Licata, Ravanusa, Favara, Agrigento, Licata, Comitini, Aragona, Palma di Montechiaro.

Il-provinċja ta' Caltanisetta: Caltanissetta, Serradifalco, Montedoro, Butera, Sommatino, Delia, Mazzarino, Riesi, Gela, S. Cataldo, Milena.

5. **Rabta maż-żona ġeografika**

Ir-rabta kawżali mal-oriġini ġeografika hija bbażata fuq

☑ reputazzjoni

☑ kwalità nominali

☑ karatteristiċi oħra

Sommarju tar-rabta

L-idoneità u d-distintività taż-żona ġeografika reġistrata jirriżultaw minn sensiela ta' fatturi relatati mal-ħamrija, mal-klima u mal-għelejjel li jippermettu l-manifestazzjoni tal-karatteristiċi distintivi tal-prodott. L-użu ta' tekniki speċjalizzati li jagħmluha possibbli li l-prodott jinħasad fuq perjodu estiż ta' żmien filwaqt li jinżammu l-karatteristiċi organolettiċi speċifiċi tiegħu fi klima li hija essenzjalment Mediterranja u li tinfluwenza l-imġiba tal-għelejjel lokali, huwa ta' importanza fundamentali. L-elevazzjoni massima hija ta' 550 m. Iż-żona hija friska u biż-żiffa u għandha ħamrija kannella kalkarja. Dan it-tip ta' għeneb sar famuż minħabba l-kwalità għolja karatteristika tiegħu. L-Italja hija responsabbli għal madwar 60 % tal-bejgħ tiegħu u l-40 % li jifdal jinbiegħ lil pajjiżi Ewropej u lil pajjiżi terzi.

L-għeneb tal-mejda Italia (ibbażat fuq l-inkroċjar imsemmi fil-punt 3.2 ta' dan id-dokument uniku) ġie introdott fl-ewwel nofs tas-seklu 20, filwaqt li t-tradizzjoni tat-tkabbir tal-għeneb tmur lura sekli sħaħ f'din iż-żona.

Referenza elettronika (url) għall-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott

https://www.masaf.gov.it/flex/cm/pages/ServeAttachment.php/L/IT/D/1%252F6%252F1%252FD.cf5e71840a60b65183fa/P/BLOB%3AID%3D3343/E/docx?mode=download